MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru. 104/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Joseph Zaffarese**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Zaffarese detentur tal-karta tal-identita` numru 102274(M).

Akkuzat talli:
Fit-12 ta’ Marzu 2008, u fil-jiem u gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, ai termini tal-Artikoli **42(a),(b),(d) u 185(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-sub-titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ai terminu tal-Artikolu **121A(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjenement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu **185** tal-Kodici Kriminali ai termini tal-Artikolu **186** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-Artikolu **188** tal-Kodici Krminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, ai termini tal-Artikolu **108** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvediment tal-Artikolu **109** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Il-Qorti giet mitluba wkoll, sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu **533** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1)(b), 121A(1), 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-ewwel erba’ akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u li l-fedina penali tal-istess ghalkemm mhijiex netta mhijiex tali li tipprejokkupa l-Qorti, u li hija sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Joseph Zaffarese hati tal-ewwel erba’ akkuzi biss stante li l-hames akkuza giet irtirata, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------